

Appell ippreżentat fil-11 ta' Lulju 2013 minn Stichting Corporate Europe Observatory mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġeneral (It-Tmien Awla) fis-7 ta' Ġunju 2013 fil-Kawża T-93/11, Stichting Corporate Europe Observatory vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża C-399/13 P)

(2013/C 274/21)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Appellanti: Stichting Corporate Europe Observatory (rappreżentant: S. Crosby, Solicitor)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

## Talbiet tal-appellanti

- tilqa' l-appell, tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġeneral tas-7 ta' Ġunju 2013, kif ukoll tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Diċembru 2010;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellanti għal dan l-appell kif ukoll fil-kuntest tar-rikors għal annul-lament quddiem il-Qorti Ġenerali.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet tliet żbalji ta' liġi.

- (1) Kien żball ta' liġi meta hija ddeċidiet li l-“Vademecum dwar l-aċċess għad-dokumenti” tad-DG “Kummer” ma kienx intiż li jipproduċi effetti esterni;
- (2) Kien żball ta' liġi meta hija ma rrikonoxxiex il-preżunzjoni li tgħid li d-dokumenti kienu intiż li jarawhom numru kbir ta' persuni;
- (3) Kien żball ta' liġi meta ddeċidiet li ma kien hemm l-ebda rinunzja impliċita tal-kunfidenzjalita.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fis-16 ta' Lulju 2013 — Sophia Marie Nicole Sanders, irrappreżentata minn Marianne Sanders vs David Verhaegen

(Kawża C-400/13)

(2013/C 274/22)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

## Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Düsseldorf

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Sophia Marie Nicole Sanders, irrappreżentata minn Marianne Sanders

Konvenut: David Verhaegen

## Domanda preliminari

L-Artikolu 28(1) tal-Liġi dwar l-irkupru tal-manteniment fir-relazzjonijiet mal-Istati barranin (Auslandsunterhaltsgesetz), tat-23 ta' Mejju 2011, BGBI I p. 898, jikser l-Artikolu 3(a) u (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009 tat-18 ta' Diċembru 2008 (1)?

---

(1) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 4/2009, tat-18 ta' Diċembru 2008, dwar il-ġurisdizzjoni, il-liġi applikabbli, ir-rikonoximent u l-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet u l-kooperazzjoni fmaterji relatati ma' obbligi ta' manteniment (ĠU L 7, p. 1)

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Anotato Dikastirio Kiprou (Ċipru) fis-16 ta' Lulju 2013 — Cypr Limited vs Ir-Repubblika ta' Ċipru

(Kawża C-402/13)

(2013/C 274/23)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

## Qorti tar-rinviju

Annotato Dikastirio Kiprou

## Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Cypr Limited

Konvenuta: Ir-Repubblika taċ-Ċipru, irrappreżentata mill-Ministru tal-Agrikultura, ir-Riżorsi Naturali u l-Ambjent u d-Direttur tas-Servizzi Veterinarji